# Knejjes u Kappelli fil-Kalkara

**Fr. Martin Mamo OFM Cap.**

Il-Kalkara, raħal twelidna, jew aħjar "is-subborg tal-Birgu", kif jaf kulħadd tinsab qrib it-tliet ibliet tal-Kottonera, il-Birgu, Bormla u l-Isla. Nistgħu ngħidu li hija wkoll assoċjata mall-Kottonera. F'din iż-żona darba kien hawn forn tal-ġir. F'mappa antika tal-1565 din id-daħla tal-Port il-Kbir kienet tissejjaħ *Porte dell'Infermeria* u l-art hawnhekk kienet tissejjaħ *Fornate di Calcina*. Mhux għax jien mill-Kalkara, però bla dubju, raħalna huwa l-isbaħ minnhom ilkoll. Imdawwar bil-baħar, għelieqi, widien, kappelli, u għalkemm mhux antik daqs it-tliet ibliet, għandu storja rikka li ta' min napprezzawha.

Minkejja l-importanza strateġika tal-inħawi, in-nies ftit li xejn kienet tgħammar hawnhekk. Aħna konna nagħmlu parti mill-Parroċċa tal-Birgu. Mhux ta' b'xejn il-Kalkariżi ġenwini kellhom imħabba speċjali lejn il-Levita Martri San Lawrenz.



*Dehra minn barra tal-kappella ta' Wied Għammieq, li tinsab fil-viċinanzi tal-Forti Ricasoli fil-Kalkara*

## Imdawra b'imqades bi storja kbira

Maż-żmien inbniet knisja żgħira dedikata lis-Salvatur fuq l-inħawi magħrufa bħala *La Punta Sottile delle Rinelle*. Dan nistgħu nikkonfermawh minn mapep antiki li jmorru lura għas-seklu XVI.

Qabel ma nkompli fuq il-kappella tas-Salvatur xtaqt ngħid li l-kelma *Rinella* ġejja mit-Taljan *Arenelle* għax fi żmien il-Kavallieri f'din il-bajja kienu jingħataw il-Forka. Il-post eżatt huwa fejn illum insibu l-Forti Ricasoli li kien magħruf bħala *Punta Sottile delle Rinelle* jew *Punta delle Forche*.

## Il-Knisja tas-Salvatur

Ħadd ma jaf meta din il-kappella nbniet għall-ewwel darba, iżda nafu li kien il-Granmastru Jean Parisot de la Valette li ordna t-twaqqigħ ta' din il-Knisja tas-Salvatur fl-Assedju tal-1565.

Il-Granmastru ried li bil-bini ta' din il-kappella, it-Torok ma jkunx jista' jkollhom post ta' difiża għall-armata tagħhom kontra l-Belt Vittoriosa.

Fis-sena 1580 il-Granmastru La Cassiere ġie mitlub biex jerġa' jibni l-kappella fil-post fejn qabel kien hemm il-kappella msemmija. Din it-talba kienet saret minn ċertu Claudio Abela u Davide Burlò li bnew il-kappella minn flushom.

Fis-sena 1650, il-Kavallier Prijur Ġwanni Bighi, fuq disinn ta' Lorenzo Gafà, reġa' bena minn flusu din il-Knisja li kienet tiġi qrib il-villa tiegħu.

Fis-sena 1676 indifnu f'din il-kappella għadd ta' barranin fosthom il-Balì Giovanni Bighi, li kien vittma tal-pesta li laqtet lil Malta f'din is-sena. Ta' min isemmi li f'din il-Knisja kien hemm żewġ pitturi importanti, it-titular u Santa Filumena. Fra Mario Bighi waqqaf monument tal-ġebel fl-istess kappella b'tifkira ta' zijuh, Fra Giovanni Bighi.

Il-pittur famuż Mattia Preti ħadem il-kwadru tat-Trasfigurazzjoni ta' Kristu. Din il-pittura kienet ittieħdet mill-Franċiżi waqt l-invażjoni ta' gżiritna fl-1798. Il-festa tas-Salvatur kienet tiġi ċċelebrata bir-raġun kollu fis-6 t'Awissu bil-kant tal-ewwel għasar u bil-quddiesa kantata. Kien jitqassam il-ħobż magħruf bħala 'għażżiela'. Wara rikors li għamel il-Benefiċjat u wara sentenza maħruġa mill-Qorti Superjuri tal-Kurja b'digriet tal-21 ta' Lulju 1812, minflok it-tqassim tal-ħobż kellu jibda jsir it-tieni għasar.

Fil-pesta li laqtet lil Malta fl-1813, fiż-żona tal-Kalkara kien hemm aktar minn 800 vittma. Minħabba l-liġi tal-kwarantina, kien diffiċli ħafna li jitwasslu s-sagramenti mill-Knisja tal-Birgu għal din il-kappella. Għaldaqstant, fil-bidu ta' Ġunju, bil-kunsens bejn il-Kappillan tal-Birgu, Dun Ġwann Busuttil, u l-benefiċjat Dun Lawrenz Lanzon, kien deċiż li jintbagħat f'din il-kappella Fra Vinċenz Mayor, Patri Karmelitan, bħala Viċi-Parroku tal-Birgu. B'hekk is-sagrament daħal għall-ewwel darba f'din il-kappella, bl-ordni li jinżamm lampier mixgħul.

Villa Bighi ġiet mibdula f'Lażżarett, u għalhekk b'digriet tas-6 ta' Settembru 1813, iċ-ċwievet ta' din il-kappella ġew mgħoddija lil Fra Luigi Pisani li kien Kappillan tal-Ordni Mediku Ġerosolmitan. Maż-żmien din il-Knisja tas-Salvatur saret benefiċjali permezz ta' diversi għotjiet li sarulha, fosthom fis-27 t'April 1626 fejn parti kbira tal-art magħrufha bħala l-Għolja tas-Salvatur ġiet imħollija minn Dun Franġisk Ciantar.

Illum din il-kappella qed tiġi restawrata. Hemm il-ħsieb li din il-kappella tkun miżmuma għall-adorazzjoni lil Ġesù Ostja. Permezz ta' dan l-artiklu qed inħeġġeġ biex dan il-ħsieb ġenwin isir ma jdumx.



*L-artal maġġur tal-Knisja Parrokkjali l-antika tal-Kalkara, armat għall-festa titulari ta' San Ġużepp fis-snin għoxrin. Ta' min jinnota x-xogħol fin ta' skultura fl-irħam u l-ġebel.*

## Il-Knisja ta' Santa Barbara

Knisja oħra storika hija dik tal-Kapuċċini li ġew fil-Kalkara fl-1736. Is-sena l-oħra kont tajt xi tagħrif fuq din il-Knisja li hija dedikata lil Santa Barbara u l-Kunvent lil Santa Liberata. Fis-27 ta' April 1736, il-Kappillan tal-Birgu Dun Ġwann Pawl Pace poġġa' salib proviżorju fuq post fejn kellu jinbena dan il-Kunvent tal-Kapuċċini. L-Isqof Alpheran de Bussan poġġa' l-ewwel ġebla tal-Knisja u l-Kunvent, li dawn kellhom jinbnew fuq pjanta ta' ajk Kapuċċin. Il-Knisja tlestiet fis-sena 1743 u mbierka mill-Gwardjan Patri Ġużepp Grech. L-art ingħatat minn Ġużeppi Abela minn Ħal Tarxien. Fi żmien il-ħakma Franċiża, dan il-Kunvent u l-Knisja ġarrbu bosta ħsarat tant li l-faċċata kellha terġa' tinbena mill-ġdid.

Minħabba t-tieni gwerra dinjija tal-1940-43, peress li ġew diversi bombi fuq u madwar il-Kunvent, iġġarfet is-sala l-kbira ħdejn il-kampnar. Kawża ta' dawn il-bombi, il-kampnar theżżeż sewwa u għalhekk ġie deċiż li dak li kien hemm qabel jinħatt, u jinbena ieħor. Dan sar aktar għoli bil-ħsieb li l-arloġġ ikun aħjar.

## Il-Kappella ta' Wied Għammieq

Din il-kappella tinsab f'ċimiterju fejn fih hemm midfuna 855 persuna li kollha kienu mietu bil-kolera li ħakment lil Malta fl-1837. Hawn jiġu ħafna pellegrini biex jagħmlu wegħdiet lil dawn l-erwieħ. F'din il-kappella jsiru diversi quddies minn kull rokna tal-gżira.

## Il-Kappella ta' San Nikola

Fil-Forti Ricasoli, li l-bini tiegħu ntemm fis-sena 1629, hemm kappella ddedikata lil San Nikola. Kien fiha pittura minn Mattia Preti. Il-qaddis huwa San Nikola b'ġieh għal Gran Mastru ta' dak iż-żmien, Nikola Cottoner.

## Il-Kappella tal-Isptar Bighi

Meta kien jintuża dan l-isptar, kienet tiffunzjona wkoll il-kappella li kien hemm f'dan l-isptar. Il-quddies kien isir bl-Ingliż. Tifkira ta' din il-kappella hija l-pittura meraviljuża li akkwistat il-Knisja Parrokkjali tal-Kalkara, bix-xbieha tar-Ragħaj it-Tajjeb, xogħol Giuseppe Calì.

## Il-Knisja l-antika ta' San Ġużepp

Kien fl-10 ta' Diċembru 1897, b'digriet tal-Isqof Mons. Pietru Pace li l-Kalkara twaqqfet Parroċċa. Ix-xogħol tal-bini tal-Knisja Parrokkjali kien tħalla f'idejn il-Kurat ta' Bormla, il-Kanonku Dun Ġużepp Azzopardi. Il-Knisja li kienet fi Triq ir-Rnella ġiet miftuħa għall-pubbliku fis-6 ta' Jannar 1898, iddedikata lil San Ġużepp Patrun tal-Knisja Universali. Il-Knisja ġġarfet fil-ġurnata tal-10 t'April 1942.

## Il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġużepp: il-ġawhra tagħna

Wara l-ħerba tal-Knisja, l-Arċisqof Mikiel Gonzi xtara biċċa art fis-sena 1945 u ta lill-Parroċċa. Art magħrufa bħala 'tal-Għeżieli' li l-Malta Gas Works kellha fix-Xatt tal-Kalkara. Fit-2 ta' Mejju 1946 beda t-tħaffir u l-bini tal-pedamenti tal-Knisja l-ġdida. Fit-13 t'Ottubru 1946 tqegħdet u tbierket l-ewwel ġebla tal-Knisja tagħna. Din tbierket mill-Isqof Mikiel Gonzi li tant ħabb lill-Kalkara, fejn trabba u għex, qabel ma sar Isqof t'Għawdex fl-1924.

Il-Kavalliet Prof. Vincenzo Bonello u s-Sur Ġużeppi d'Amato ngħataw l-inkarigu tad-disinn u x-xogħol tal-Knisja. L-istil tal-Knisja hu neo-klassiku, b'forma ta' salib latin. Xogħol sabiħ ta' skultura jżejjen il-Knisja tagħna, maħduma minn Giovanni Sammut minn Birkirkara, mgħejjun minn missirijietna Kalkariżi. Koppla mill-isbaħ li fiha ħafna xogħol ta' skultura fil-pilastri u l-gwarniċi li jdawruha. Il-Knisja ġiet ikkonsagrata fit-12 ta' Diċembru 1954 fejn ġie kkonsagrat ukoll l-artal maġġur maħdum mill-iskultur Armando Battelli ta' Pietrasanta fl-Italja.

## Illum aħna l-Knisja...

Mhux tal-ġebel imma tal-laħam! Kalkara bi storja kbira u sabiħa. Imma x'jiswa dan kollu meta wħud mhux qed jattendu Knisja. Mhux importanti fejn tattendi, imma l-importanti li tmur quddies almenu l-Ħadd.

San Ġużepp, Patrun tal-Knisja, ikun Patrun dehen tagħna jekk aħna nkunu ulied dejni tal-Knisja.

Il-Festa t-tajba!